14 ta' April, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Avukat Dr. Joseph M. Ganado ne.
*versus*
Joseph Edward Grixti pr. et ne.

**Falliment — Kanonizzazzjoni ta' Kreditu Kontra l-Fallit.**
*tax tiġi mogħtija sentenza fuq talba ta' kreditur għall-kanonizzazzjoni ta' kreditu kontra dak id-debitur, sakemm tkun għadha ma ġietx pronunzjata s-sentenza li tiddikjara l-falliment ta' dak id-debitur.*

*L-azzjoni kontra l-kuratur tal-falliment għandha tiġi proposta wara, u mhux qabel, is-sentenza li tiddikjara fallit lil dak id-debitur.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu s-somma ta' £301. 6. 0, prezz ta' oġġetti ta' ikel u xorb dettaljatament indikati fil-lista miġjuba bħala dokument "A" ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni, mibjugħin u *konsenjati mid-ditta attriċi lill-istess* konvenut, u li dan naqas iħallas; bl-imgħax kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tal-10 ta' Marzu 1953 u ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Marzu 1953;

*Omissis;*

Billi t-talba tirriżulta pruvata bl-ammissjoni tal-konvenut, u l-fatt li hu ddikjara l-falliment tad-ditta konvenuta ma jimpurtax li ma tistax tiġi mogħtija sentenza fuq it-talba tad-ditta attriċi kontra l-istess ditta konvenuta, ġa ladarba għadha *ma ġietx pronunzjata s-sentenza li tiddikjaraha falluta* — "E' indubitato che lo stato di fallimento non si stabilisca invariabilmente e indivisibilmente di fronte a tutti gli interessati, e con tutta la pienezza dei suoi effetti e delle sue conseguenze altrimenti che con la sentenza della Corte di Commercio che lo dichiara fallito sull'istanza del fallito o dei suoi creditori. Invero, è con questa sentenza che si nomina il curatore per esercitare le funzioni attribuitegli dalla legge durante il regime del fallimento. Dopo questa sentenza, e non prima

.................. le azioni civili contro il fallito devono essere proseguite o promosse *contro il curatore*" (Debono, Il Fallimento nel Diritto Maltese, pag. 35);

Għaldaqshekk tiddeċidi għat-tenur tat-talba tal-attur, bl-ispejjeż tassabili kif kontra n-non opponenti.